**Ruling mogħti mill-President tal-Kamra l-Onor. Myriam Spiteri Debono, fis-Seduta 146 tad-19 ta' Novembru 1997 dwar Ksur ta' Privileġġ – Rappurtaġġ f'ġurnali**

## RULING TA' MADAM SPEAKER

Rigward il-każ ta' Ksur ta' Privileġġ imqajjem mill-Onor. Dom Mintoff fis-Seduta Nru. 142 tas-17 ta' Novembru, 1997 fil-konfront tal-ġurnal "l-orizzont", is-Sedja semgħet it-tape u rat it-transcript tas-seduta li fiha tqajjem il-ksur ta' privileġġ, eżaminat it-test tal-ġurnal, rat l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħa tal-Kamra tad-Deputati, partikolarment artikolu 11 subinċiż (4) u rriferiet speċifikament għal paragrafu "j" ta' dan l-istess artikolu.

Is-Sedja jidhrilha li f'dan il-każ m'hemmx prima facie ksur ta' privileġġ u dan qiegħda tagħmlu mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni oħra li l-Onor. Membru li qajjem dan il-każ jidhirlu li jista' jew għandu jieħu f'fora oħra.

Is-Sedja waslitilha informazzjoni li kien hemm xi stazzjon tar-radju - li mhuwiex l-istazzjon li skond l-Ordni Permanenti Nru. 173 għandu d-dritt li jxandar is-seduti tal-Parlament - illi xandar seduti jew siltiet minn seduti ta' sessjoni ta' dan il-Parlament. Is-Sedja qiegħda twissi li dan imur kontra r-regolamenti u m'għandux isir u din it-twissija qed issir mingħajr preġudizzju li l-Kamra tista' tikkonsidra li tieħu bħala azzjoni.